MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 195/2012

**Cajetan Saliba**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

**Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża**

1. Illi l-esponent twieled Ħ'Attard fis-sebgħa (7) t'Awissu 1966, liema twelid ġie debitament reġistrat u ngħata n-numru ta' skrizzjoni 3458/1966, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi fuq l-Att tat-Twelid l-esponent ingħata l-isem ‘Cajetan’ bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ u jkun magħruf;

3. Illi l-esponent ilu tul ħajtu kollha juża l-isem ‘Gaetano’ minflok ‘Cajetan’ bħala l-isem li bih jiġi msejjaħ u huwa magħruf u ilu konsistentement jiġi msejjaħ u magħruf bl-isem ‘Gaetano’, anke mill-familja tiegħu kif ukoll minn qraba, ħbieb u konoxxenzi, u dan kif ikkonfermat b’dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala ‘Dok B’ sa ‘Dok K’ u kif ukoll ‘Dok AFF 1’, ‘Dok AFF 2’, ‘Dok AFF 3’ u ‘Dok AFF 4’;

4. Illi l-esponent għandu nteress li l-Att tat-Twelid tiegħu jkun jirrifletti l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw bħala l-isem li bih jissejjaħ u hu magħruf, minflok l-isem li ngħata fuq l-imsemmi Att, bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ;

5. Illi għalhekk l-esponent irid li l-isem ‘Gaetano’ jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tiegħu minflok l-isem ‘Cajetan’ li jidher annotat fil-kolonna intestata “Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” u kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet mogħtija” u dan a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. Illi l-fatti fuq esposti huma kollha magħrufa mill-esponent personalment.

**Raġunijiet tat-talba**

1. Illi kif premess, fl-Att tat-Twelid tiegħu, l-esponent ingħata l-isem ‘Cajetan’ bħala l-isem li bih kellu jiġi msejjaħ iżda, ilu tul ħajtu kollha juża l-isem ‘Gaetano’ bħala l-isem li bih jiġi msejjaħ u huwa magħruf, u ilu konsistentment jiġi msejjaħ u magħruf bħala ‘Gaetano’ anke mill-familja tiegħu kif ukoll minn qraba, ħbieb u konoxxenzi;

2. Illi l-esponent għandu l-interess li l-Att tat-Twelid tiegħu jkun jirrifletti l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw bħal l-isem libih jissejjaħ u hu

magħruf minflok l-isem li ngħata fuq dak l-Att bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ;

3. Illi għalhekk l-esponent irid li l-isem ‘Gaetano’ jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tiegħu minflok l-isem ‘Cajetan’ li jidher annotat fil-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” u kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet mogħtija” u dan a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Talbiet**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponent hu konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem ‘Gaetano’ u mhux bl-isem ‘Cajetan’;

2. Tordna għalhekk li l-isem ‘Gaetano’ jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponent li jġib in-numru ta’ iskrizzjoni 3458/1966 minflok l-isem ‘Cajetan’, b’dana li l-imsemmi Att jiġi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” u kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet ogħtija”, jitniżżel l-isem ‘Gaetano’ minflok l-isem ‘Cajetan’;

3. Tagħti kull provvediment ieħor opportun u neċessarju sabiex issir ir-reġistrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid u dokumenti uffiċjali oħra tal-esponent a tenur tat-tieni talba attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-23 ta’ Marzu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit l-esponent jirrileva li t-tieni talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' atti tal-istat ċivili u mhux tal-atti kollha tal-ħajja ċivili tar-rikorrenti u fit-tieni lok għaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huma qegħdin jagħmlu riferenza għalihom;

3. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, John Saliba, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-27 ta' April 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija evidentement ġustifikata billi kif huwa dejjem issejjaħ **"Gaetano"** li fil-fatt hija traduzzjoni ta' **"Cajetan"**. Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**[1]

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] B'digriet tal-10 ta' Awissu 2012 il-Qorti ddikjarat li t-tielet talba ntlaqgħet limitatament għall-Att tat-Twelid peress li ma ġewx indikati liema huma d-dokumenti uffiċjali l-oħra.